

Brussell, 13 ta' Frar 2026
(OR. en)

6300/26

COH 26

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	16432/25 + ADD 1
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar l-aġenda tal-UE għall-bliet - <i>Approvazzjoni</i>

1. Fit-3 ta' Diċembru 2025, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill irċieva l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prospertà".
2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-komunikazzjoni fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tat-8 ta' Jannar 2026.
3. L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Presidenza ġie eżaminat fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tal-20 ta' Jannar 2026, it-3 u t-13 ta' Frar 2026. Id-delegazzjonijiet qablu fil-prinċipju mal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill japprova dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill,
lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni
"Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-2025 "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità," li ttiprovdi qafas strateġiku għat-tisħiħ tad-dimensjoni territorjali u urbana tal-politiki tal-UE, filwaqt li tirrikonoxxi l-bliet bħala atturi ewlenin għat-twettiq tal-prijoritajiet, il-kompetittività u l-oġġettivi ta' koeżjoni tal-UE. JISĦAQ fuq l-importanza tal-kontinwità tal-Aġenda Urbana għall-UE, permezz ta' żvilupp urban ibbażat fuq il-post u integrat, fi ħdan struttura ta' governanza f'diversi livelli tal-UE u JAGĦRAF l-importanza li jiġu indirizzati l-fehmiet tal-bliet fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-UE, nazzjonali u sottonazzjonali, filwaqt li titqies id-diversità tas-sistemi ta' governanza urbana u tiġi rispettata l-kompetenza tal-Istati Membri;
2. JAGĦRAF li madwar 75 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix fi bliet u żoni urbani, li jiffaċċaw sfidi sinifikanti inkluż nuqqas ta' akkomodazzjoni, esklużjoni soċjali u riskju ta' faqar, kostijiet għoljin tal-enerġija, tħassib dwar is-sigurtà, sfidi demografiċi u ta' mobbiltà u l-impatt u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u d-degradazzjoni ambjentali;
3. JIRRIKONOXXI li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jimplimentaw madwar 70 % tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u dan jagħmilhom atturi essenzjali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE u tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva;

II-Bliet u l-Politiki tal-UE

4. JAPPREZZA r-rwol tal-bliet ta' kull daqs bħala kontributuri importanti għall-kompetittività, l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-kapaċità tagħhom li jattiraw it-talent, irawmu l-intraprenditorija u jappoġġaw ktajjen tal-valur u investimenti strateġiċi, u jipprovdu servizzi pubbliċi ta' interess ġenerali;
5. JISĦAQ li l-bliet flimkien maż-żoni urbani funzjonali tagħhom għandhom rwol kruċjali fl-avvanz tal-inklużjoni soċjali, l-innovazzjoni, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, billi jippermettu reazzjonijiet lokali integrati f'oqsma bħall-akkomodazzjoni, il-wirt kulturali u t-turiżmu, l-intraprenditorija u l-impjiegi, il-ġlieda kontra l-faqar, l-iżgurar tal-edukazzjoni u l-aċċess għas-servizzi, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tat-tkabbir inklużiv;
6. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-bliet fl-iżgurar, fi ħdan il-kompetenza tagħhom, ta' spazji pubbliċi sikuri, il-protezzjoni ċivili u l-kontinwità tas-servizzi, fit-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà u fil-kontribut għall-prevenzjoni tad-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li r-reżiljenza għar-riskji ambjentali, soċjali u dawk relatati mas-sigurtà u l-preparatezza għall-kriżijiet tiġi integrata fl-ippjanar urban permezz ta' disinn intelliġenti u inklużiv, li jinkludi strateġiji ta' adattament għat-tibdil fil-klima u JENFASIZZA l-ħtieġa li jsir investiment fil-preparatezza tal-bliet għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatt ta' xokkijiet ambjentali u theddid għas-sigurtà reċenti u futur;
7. JILQA' l-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli adottat reċentement, li fost l-oħrajn jirrikonoxxi l-persjoni partikolari tal-kriżi tal-akkomodazzjoni fuq il-bliet u jiddeskrivi oqsma ta' azzjoni u inizjattivi tal-UE li ser isaħħu l-involvement u r-rwol tagħhom. JINKORAĠĠIXXI sforzi kontinwi biex jittejjeb l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u inklużiva, filwaqt li tiġi rrispettata l-kompetenza tal-Istati Membri u tiġi promossa l-kooperazzjoni mill-qrib bejniethom;
8. JIRRIKONOXXI l-bliet u ż-żoni urbani bħala kontributuri ewlenin għad-dekarbonizzazzjoni, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità, u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tal-emissjonijiet. JAGĦRAF li l-bliet ta' kull daqs għandhom rwol ċentrali fit-titjib tal-mobbiltà urbana billi jrawmu sistemi tat-trasport multimodali sostenibbli, aċċessibbli, nodfa u effiċjenti;

9. JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida li tappoġġa Prattiki Sostenibbli minn isfel għal fuq fl-ambjent mibni, kif ukoll it-titjib ta' soluzzjonijiet innovattivi b'impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej;
10. JIRRIKONOXXI r-rwol dejjem jikber tal-bliet fil-kooperazzjoni internazzjonali u d-diplomazija urbana, kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni attiva tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli mill-Aġenda 2030 tan-NU u l-Aġenda Urbana Ġdida tan-NU;
11. JENFASIZZA l-importanza li jiġu kkonsultati l-bliet, fejn rilevanti, matul il-proċess leġislattiv tal-UE fi stadju bikri, filwaqt li jiġu rispettati l-governanza u l-kompetenzi tal-Istati Membri, bl-għan li tiġi promossa regolamentazzjoni aħjar u titnaqqas il-persjoni tal-implimentazzjoni billi r-regoli u r-regolamenti tal-UE jiġu allinjati aħjar mal-kundizzjonijiet urbani, mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv għall-bliet jew l-Istati Membri;

Il-Bliet u l-Appoġġ tal-UE

12. JENFASIZZA li l-politika ta' koeżjoni kkontribwiet għat-tiġid tad-dimensjoni urbana tal-UE, b'aktar minn EUR 24 biljun mill-FEŻR iddedikati għall-iżvilupp urban sostenibbli mill-2021 sal-2027 u JENFASIZZA l-importanza tal-appoġġ għall-bliet fid-dawl tal-isfidi dejjem qed jikbru tagħhom. JISĦAQ li l-valur miżjud tal-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUI) u l-URBACT bħala strumenti importanti u komplementari li jipprovdu appoġġ dirett għall-iżvilupp urban;
13. JENFASIZZA l-oportunitajiet offriti lill-bliet mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, inkluż il-flessibbiltajiet biex jiġu indirizzati l-akkomodazzjoni soċjali, affordabbli u sostenibbli, it-tranżizzjoni tal-enerġija, ir-reżiljenza tal-ilma, il-kompetittività, id-difiża u l-iżvilupp tal-ħiliet, inkluż permezz ta' trasferimenti tal-FEŻR lejn l-EUI u s-Siġill ta' Eċċellenza tal-EUI;
14. JINNOTA li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tappoġġa wkoll l-irkupru u r-reżiljenza tal-bliet, b'mod partikolari fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali iżda wkoll għall-forniment ta' servizzi pubbliċi u akkomodazzjoni soċjali u affordabbli;

15. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-Bank Ewropew tal-Investment fil-forniment ta' servizzi ta' finanzjament u konsulenza għal trasport urban sostenibbli, akkomodazzjoni soċjali, affordabbli u sostenibbli, dekarbonizzazzjoni, effiċjenza enerġetika, ekonomija ċirkolari u żvilupp ta' infrastruttura ekoloġika, inkluż permezz ta' taħlit ta' finanzjament tal-UE, nazzjonali u privat;

It-Triq 'il Quddiem

16. JENFASIZZA l-ħtieġa għal koordinazzjoni, simplifikazzjoni, diġitalizzazzjoni u tiżni tal-kapaċitajiet mtejbja tal-UE u nazzjonali biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' governanza urbana u ta' investment, JAGĦRAF li ħafna bliet, b'mod partikolari dawk ta' daqs medju u iżgħar, jiffaċċaw restrizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji sproporzjonati li jillimitaw l-aċċess għall-finanzjament tal-UE;
17. JENFASIZZA l-valur tas-sħubijiet mas-soċjetà ċivili u s-settur privat u JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza li l-prijoritajiet urbani jiġu inkorporati fl-istrumenti rilevanti kollha tal-UE biex jiġi promoss żvilupp integrat, inklużiv u sostenibbli;
18. JAPPELLA lill-Kummissjoni tkompli ssaħħa id-dimensjoni territorjali u urbana tal-politiki rilevanti tal-UE, filwaqt li tibni fuq l-Aġenda Urbana għall-UE u l-Aġenda Territorjali 2030. JISTIENDEN lill-Kummissjoni tistabbilixxi u tappoġġa b'mod ċar il-komplementarjetà u l-koeżistenza tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet u l-Aġenda Urbana għall-UE fi djalogu kontinwu mal-Istati Membri inkluż il-livell tal-bliet reġjonali u lokali, filwaqt li tiżgura l-koerenza u tevita d-duplikazzjoni, is-sovrappożizzjonijiet u l-istrutturi paralleli;
19. JILQA' t-tneġġja tal-portal web tal-Bliet tal-UE, kif ukoll l-integrazzjoni proposta tiegħu fil-pjattaforma li jmiss tal-Bliet tal-UE, bl-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-inizjattivi tal-UE u l-kollaborazzjoni bejn il-bliet inkluż il-partijiet ikkonċernati tal-iżvilupp urban u l-livell tal-UE;
20. IFAKKAR fl-importanza li jiġi żgurat appoġġ fit-tul għall-iżvilupp urban integrat, li jibni fuq il-kisbiet tal-perjodu attwali, kif deskritt fl-Aġenda tal-UE għall-bliet.
21. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-bliet huma sħab indispensabbli fit-tfassil tal-politika tal-UE u għandhom ikunu involuti kif xieraq fil-proċessi ta' djalogu, konsultazzjoni u implimentazzjoni mal-Istituzzjonijiet Ewropej.